# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

37.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard, ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser jattendi għal din il-laqgħa ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

37.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 36 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

37.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

37.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill għandu opportunita' ta' finanzjament, skont il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli iffirmat ma' GreenMt Limited, biex issir inizjattiva u attivita' ambjentali. Huwa ppropona sabiex nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2021, fil-'World CleanUp Day', issir attivita' biex jinġabar skart kemm fuq l-art kif ukoll taħt il-baħar tax-Xlendi permezz ta' divers u fl-istess waqt issir plakka kommemorattiva tfakkar l-għawma ta' 125.7km ta' Neil Agius li ntemmet fix-Xlendi fit-30 ta' Ġunju 2021, kampanja li kienet saret biex iżżid l-għarfien dwar il-plastik li qed iniġġess l-ibħra tagħna bl-isem 'Wave of Change'. Is-Sindku żied jgħid li marbuta ma' din l-attivita', qed jipproponi li titnieda inizjattiva ta' ġbir ta' skart fejn kull min itella' ritratt fuq il-media soċjali jnaddaf jew jiġbor xi skart fil-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

lokalita' jidħol b'ċans li jirbaħ *diving session* b'xejn fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri għal dawn il-proposti.

37.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva lment minn resident fi Triq San Pawl dwar il-problema tal-għargħar f'dik it-triq. Huwa nforma lill-membri li skont il-pjanijiet fit-tul li għandu l-Kunsill, f'dik il-parti tar-raħal hemm bżonn ikun hemm sistema ta' culverts, u b'hekk dan l-ilment eventwalment jiġi ndirizzat.

37.3.3 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex isiru double yellow lines f'kantuniera fi Triq Rinota fil-Munxar, kif ukoll metru maġenb garaxx fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

37.3.4 Is-Sindku ppropona sabiex issir tabella biex tindika fejn qegħdin ix-xowers li jinsabu ħdejn l-istatwa ta' Sant'Indrija fix-Xlendi għax il-pubbliku mhux jinduna bihom. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

37.3.5 Is-Sindku ressaq suġġeriment wara li nġibditlu l-attenzjoni mill-Kunsilliera Juliet Attard sabiex jinqata' ħaxix ħażin f'passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

## 37.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

37.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar it-tabella tal-isem tat-triq Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar li kellha tinbidel. Is-Sindku żied ukoll li hemm bżonn issir oħra għal Triq San Xmun fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ta' Triq Ras il-Bajjada ordnaha diġa' filwaqt li se jieħu ħsieb jagħmel ordni għal ta' Triq San Xmun.

## 37.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

37.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja miexi u sar it-tqaxxir tat-tarmac u l-iskavar tal-ġibjun. Huwa qal ukoll li saret laqgħa fuq il-post mal-Inġinier tal-Kunsill kif ukoll mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 37.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

37.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi kif ukoll qed isiru l-istudji dwar l-affreski li nstabu. Huwa qal ukoll li ġiet sottomessa t-talba mal-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej PPCD sabiex tingħata estensjoni għat-tlestija tal-proġett sal-aħħar ta' Ġunju 2022 u l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni bil-miktub.

## 37.7 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

MXR/03/2021 - *Tender for the supply and installation of new artificial turf at Munxar Football Pitch*
MXR/04/2021 – *Tender for the supply and installation of EPDM inistu safety flooring at Munxar Playground*
MXR/05/2021 – *Proposed Embellishing works in Triq L-Isqawi, Il-Munxar;*

37.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li ltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni ta' dawn is-sejħiet għall-offerti u ġew mitluba xi kjarifikazzjonijiet għas-sottomissjonijiet tagħhom. Ir-rapport tal-bord mistenni jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 37.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

37.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministreu Għal Għawdex bi stedina għal dawk il-Kunsilli nteressati li jtellgħu attivitajiet fi żmien il-Milied biex jirreklawhom fil-ktejjeb li ser jiġi ppubblikat mill-Ministeru Għal Għawdex. L-istess Ministeru qed ukoll jilqa' kull talba għall-appoġġ biex jittelgħu dawn l-attivitajiet. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li jitfassal pjan u ssir proposta lill-Ministeru Għal Għawdex għall-għajnuna finanzjarja.

37.8.2 Ċirkulari SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japplika għall-ammont massimu ta' din l-iskema ta' finanzjament biex ikabbar l-attivitajiet fi żmien il-Milied inkluż l-obbligi tal-Kunsill Lokali relatati mal-kontribuzzjoni ta' 10% tal-ispiża totali.

37.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Green Mt. Iċ-ċirkulari mibgħuta titratta l-ġibr tal-iskart riċiklabbli mil-lokalita' fejn il-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

kumpanija nazzjonali WasteServ Malta Limited biddlet il-prassi u issa bdiet tippenalizza lill-iskema GreenMt għall-iskart riċiklabbli misjub ikkontaminat. GreenMt qed tisħaq li skont l-Att tal-Kunsilli Lokali, huma l-istess Kunsilli li huma responsabbli mill-immaniġjar tal-iskart fil-lokalita' u għalhekk la darba WasteServ Malta Limited bidlet il-prassi u qed tippenalizza lill-iskema GreenMt, għandu jkun il-Kunsill li jassorbi dawn il-multi. Għal dan il-għan, GreenMt ser tkun qed toħroġ fattura fejn titlob lill-Kunsill iħallas dawn il-multi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li l-Kunsill ma jħallas l-ebda fattura mibgħuta minn GreenMt minħabba li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu legali li jħallas spejjeż li jirrigwardjaw skart riċiklabbli.

37.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Ryan Debrincat ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 108 siegħat jiġu trasferiti għas-sena 2022. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

37.8.5 Ċirkulari DLG 6/2021 – Elezzjoni tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – 9 t'Ottubru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Robert Tabone, kandidat għall-elezzjoni tal-President tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, b'talba biex issir laqgħa mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u aċċetta li jiltaqa' miegħu.

37.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2021 / National Worker of the Year 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dr Mario Saliba b'tagħrif dwar il-ktieb il-ġdid li għadu kif ippubblika. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġie deċiż li minħabba li l-Kunsill m'għandux librerija pubblika mhux ser ikun qed jixtri dan il-ktieb.

37.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-attivitajiet li għandhom imhejjija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2021/079 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

37.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2021/080 – Planning and leading a team – Mentor Aid Session 15/09/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2021/081 – Team Building Event 03/09/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2021/082 – Tnedija tal-EV Document. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2021/083 – President's Solidarity Fun Run 2021 – 14th Nov 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut u ppropona rotta ta' madwar 2.8Km fil-lokalita'.

37.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2021/084 – CSR Event – Regional and Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2021/085 – AKL Webinar – Social Field: Community Development 22/09/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/086 – LCA Website - Publications. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/087 – Invitation to: "Safe and Healthy with Sustainable Mobility in Malta" Online Seminar – 16 September 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/088 – World Clean-Up Day 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/089 – Certificate Awards and Launch of Level 5 Diploma in Public Management & Governance. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/090 – ADHD Awareness month. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/091 – Ħaddiema RSSL u CWSEF. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

37.8.23 Ilment 71/2021

Residenta fi Triq ir-Rumani qed tilmenta li xi residenti qed jitfgħu l-boroż tal-iskart quddiem ir-residenza tagħha. Qed tissuġġerixxi sabiex il-Kunsill jiċċekja l-*cameras* tiegħu li hemm f'din it-triq u titwaħħal tabella biex ma jarmux skart. Il-membri tal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandux *cameras* f'dik it-triq u kien hemm qbil biex teħel tabella tal-iskart.

37.8.24 Ilment 72/2021

Jitlob sabiex isir xogħol ta' żebgħa fuq il-marki stradali fi Triq San Xmun fix-XLendi wara l-*bus shelter* kif ukoll jitneħħew marki stradali sofor quddiem Tower Court A, Triq San Xmun, Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi vverifikat dan fuq il-post.

37.8.25 Ilment 73/2021

Titlob sabiex jitneħħa double yellow line quddiem garage fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi minħabba li m'għadx baqalhom bżonnu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi vverifikat li l-garage huwa ta' din ir-residenta li qed tressaq l-ilment u filkas jitneħħa.

37.8.26 Ilment 74/2021

Titlob sabiex fi Triq Ras il-Bajjada issir tabella *give way* oħra fejn kien hemm ir-razzett tat-tiġieġ. Kien hemm qbil mill-membri li ma tagħmilx sens li jkun hemm żewġ *give ways* fid-direzzjoni opposti.

37.8.27 Ilment 75/2021

Jitlob sabiex tiżabar siġra li tinsab ħierġa 'l barra fi Triq ir-Rumani fix-Xlendi miniħabba l-periklu li jista' jkun għax hemm il-*wires* tad-dawl, kif ukoll isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħazin fl-istess triq. Kien hemm qbil mill-membri li jsir il-qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-triq u minħabba s-siġra l-Kunsill għandu jgħaddi l-ilment lil Enemalta PLC u tinġibed l-attenzjoni lis-sid tal-proprjeta' fejn hemm is-siġra.

37.8.28 Ilment 76/2021

Jitlob sabiex isir parkeġġ riservat quddiem id-dar tiegħu minħabba n-nuqqas t'abiltajiet li għandu. Kien hemm qbil mill-membri li fl-istess triq diġa' hemm tlett parkeġġi riservati u l-Kunsill għandu jgħin lil dan ir-resident sabiex japplika għall-*blue badge* biex ikun jista' juża dawn il-parkeġġi diġa' eżistenti.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

37.8.29 Ilment 77/2021
Residenta tilmenta dwar is-siġar tal-palm fix-Xlendi biex jinżabar u dwar il-bankijiet pubbliċi li qed jiġu mdawwra bl-imwejjed tar-ristoranti. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ilu xhur jitlob sabiex is-siġar tal-palm jinżabru mill-Ministeru Għal Għawdex minħabba li jinsabu fi triq arterjali filwaqt li l-imwejjed tar-ristoranti m'humiex taħt il-kontroll tal-Kunsill iżda tal-Awtorita' Maltija Għat-Turiżmu li fil-bidu tas-Sajf saru diversi laqgħat magħhom biex isir infurzar min-naħa tagħhom.

*6.15pm - Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ingħaqqad fil-laqgħa tal-Kunsill.*

## 37.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

37.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 37/2021-8 għall-perjodu bejn l-20 t'Awwissu 2021 u s-16 ta' Settembru 2021 li tammonta għal €33,666.33 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi kien il-proponent filwaqt li l- Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis is-sekondant.

## 37.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

37.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 t'Ottubru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 t'Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR